FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA' JANNAR 2017

Il-Pulizija
(Spettur Doriette Cuschieri)

vs

-omissis-
Moustafa Adel Kamal Elnashshar
Ahmed Adel Kamal Elnashshar
Zakarya Hussein Abdou El-Zahed

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' passaport Egizjani A05018812, 2466736 u 956918 rispettivament, akkuzati talli:

1. fid-9 ta' Mejju 2013 u fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer, assocjaw ruhhom ma xi persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt (u cioe' Artikoli 60 (a)(b)(c)(h)(k); 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k); 68(1); 69(1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll Artikoli 16(1),(j), (n); 17(1)(a)(d); 17(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382; 12(3) tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-amministrazzjoni tas-Sajd Kap 425 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li m'hux delitt taht l-Att dwar l-istampa u dan ai terminu tal-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. iffurmaw jew ghamlu parti minn xi assocjazzjoni ta' zewg persuni jew aktar bil-ghan li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw, jew jiffinanzjaw ghaqda bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti,* tal-instrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, u cioe' d-dghajsa 'Dimitra' bin-numru ta' registrazzjoni MFA6034, kif ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat lill-imputati biex jigu gudikati quddiem din-il-Qorti ai termini tal-artikoli tal-ligi minnhu citati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza issir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti komprizi t-talbiet tad-Direttur Generali Dwana u VAT biex jittiehdu dawn il-proceduri;

Semghet it-trattazzjoni u rat in-nota ta' sottomissjonijiet presentata mid-difiza;

Ikkonsidrat:

Ghall-ahjar intendiment tal-kawza ghandu jinghad illi inizjalment hija kienet giet istitwita wkoll kontra l-kaptan tal-bastiment certu Ihab Nasser Mohammed Aly Elalayly u fuq talba tal-prosekuzzjoni, fil-konfront tieghu, saret separazzjoni tal-gudizzju kif jindika l-verbal a folio 609. Sussegwentement, il-kawza tkompliet kontra l-odjerni tlett imputati li huma ilkoll ta' nazzjonalita' Egizjana u li kienu jifformaw, dak il-hin, l-equipagg tal-lancja bl-isem 'Dimitra' propjeta' ta' xi siocjeta' li taghha kien jaghmel certu Paul Piscopo. L-imputati kienu ilkoll impiegati jew fuq din il-lancja jew fuq lanec ohra li kienu ikunu armati ghas-sajd.

Dwar il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jirrisulta li l-lancja 'de quo' kienet salpat mill-port ta' Marsaxlokk nhar il-5 ta' Mejju 2013 ghal habta tas-seba ta' filghodu direzzjoni Lampedusa izda erba tijiem wara, precisament, fid-9 ta' Mejju, twaqqfet mill-iskwadra marittima tal-Forzi Armati u ngabet lura Malta mghobija b'disa kontenituri mimlija diesel fuq il-gverta taghha. Dan id-diesel hu fost l-meriti ta' dawn il-proceduri. Fuq in kwalita' tal-prodott m'ghandux ikun hemm dubbju. Ir-rapport tal-espert nominat l-Professur Alfred Vella (folio 778) jitkellem car dwar il-konsistenza tieghu. Jghid ir-rapport fil-konkluzjonijiet tieghu li d-diesel in kwistjoni li nstab fuq il-bastiment kellu percentagg ta' kubrit inqas minn ghaxara fil-mija u kwindi kien tajjeb ghall-uzu marittimu izda mhux ghall-uzu ta' vetturi fuq it-triq. Pero', kompla stqarr l-abbli espert tekniku, illi "l-fjuwils kollha abbord l-MV Dimitri, inkluz l-fuwil li l-lancia kellha fit-tankijiet tal-fuwil taghha u li kienet qed tuza sabiex thaddem il-magni, ma setghawx originaw b'mod approvat u legali minn distributuri f'Malta ghaliex gas oil mibjugh f'Malta bhala fjuwil duty free irid ikun fih is-Sudan Marker u l-kulur ahmar, li t-tnejn kienu neqsin u gas oil li fuqu tkun thallas id-dazju irid ikun fih in-National Marker".

Intant, jirrisulta mill-provi in atti (ara xhieda tal-Luogotenent Rene Aquilina folio 234 et seq) li l-lancja kienet individwata 19 il-mil nawtiku minn Malta u giet abbordata meta kienet 22 mil nawtiku. Dwar li kellha fuq il-gverta taghha 8 tankijiet diesel ta' elf litru kull wiehed jirrisulta, kif jirrisulta wkoll li meta salpat minn Marsaxlokk il-lancija kient mobbija b'ilma f'dawn l-istess tankijiet. Fatt dan konfermat mill-imputati fl-istqarrijiet minnhom individwalment rilaxxjati.

A propositu dawn l-istqarrijiet, dwar liema l-Qorti qeghda tesprimi r-riservi taghha fir-rigward il-mod xejn ortodoss ta' kif ittiehdu, l-imputati ikoll jistqarru li f'xi punt waqt li kienu jbahru, tghabba d-diesel fuq il-lancja n-sostituzzjoni tal-ilma.

Ikkonsidrat:

Trattati l-artikoli tal-ligi citati kontra l-odjerni imputati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ghandu jkun wisq car li wara s-separazzjoni tal-gudizzju l-imputati qatt ma jistghu jinstabu hatja taht l-Artikolu 5(1)(2), 57,64 tal-Kap 37, ukoll tal-Artikoli 64 sa 69 li ma jaghmlux test fil-konfront taghhom. Idem ghall-Artikolu 12(3) tal-Kap 425. Ukoll fir-rigward l-Artikolu 5 tal-Kap 373 gja la darba ma jinstabux ukoll akkuzati bl-Artikolu 3 tal-istess Att.

Dwar il-kumplament tal-artikoli citati:

Fir-rigward l-Artikoli 48A u 83A(1)(2)(4)Kap 9: m'hemm ebda prova l-anqas l-icken wahda li l-imputati assocjaw ruhhom kif jipprevedi l-Artikolu 48A; jew ukoll ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda kif jipprovdi l-Artikolu 83A(1)(2)(4) u a skans ta' ripetizzjoni tabbracja dak sottomess mid-difiza fil-konfront tal-imsemmija artikoli tal-ligi.

Fir-rigward l-artikoli tal-ligi citati taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar Dazju tas-Sisa u l-Att dwar il-Valur Mizjud, il-Qorti, apparti kull konsiderazzjoni ohra, jirrisultala li l-lancja ngabet Malta minn barra l-ibhra territorjali u sidha irrifjuta li ssir l-pratka fuqha billi sostna ghal darba darbtejn li hi bit-tghabbija tad-diesel fuqha kienet 'in transit' fiz-zona kontigenti (contiguous zone) tali li sakemm dik il-posizzjoni ma kinitx soggetta ghal ebda taxxa doganali tas-sisa jew tal-valur mizjud. Oltre ghar-rigward tal-imputati il-massima "actus non facit rerum, nisi mens sit rea" hija applikabbli fil-kaz taghhom stante li qatt ma jista jinghad li kellhom 'pussess' jew intenzjoni kriminuza f'kaz li l-att tad-diesel abbord jikkonstitwixxi reat.

Ghaldaqstant, mhux qeghdha ssib l-imputati hatja u tilliberhom.

A.M.Trigona

Magistrat